KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa b'Urġenza tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 46

**Il-Ħamis 25 ta' Awwissu 2022**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier (onlajn)
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 46.1 Ċentru Terapewtiku għal Żgħażagħ b'Imġiba Ħażina

46.1.1 Il-Kunsill iltaqa' biex jiddiskuti dan il-proġett, eżattament wara li spiċċat il-laqgħa informattiva mar-residenti tal-lokalità tal-Imtarfa dwar l-istess suġġett.

46.1.2 Wara diskussjoni bejn il-membri kollha fejn ġew diskussi wħud mill-problemi li tressqu mir-residenti, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal dan il-proġett.

46.1.3 Kopja tal-istqarrija pubblika hija annessa.

Konfermati, illum il-Ħamis 29 ta' Settembru 2022.

| | |
|---|---|
| Kyle Mifsud<br>Sindku | Josette Micallef<br>Segretarju Eżekuttiv |

**Proġett taċ-Ċentru Terapewtiku għal Minuri bi problemi ta' imġiba**

Il-Kunsill Lokali tal-Imtarfa ma jaqbilx li l-proġett taċ-Ċentru Terapewtiku għal minuri bi problemi ta' imġiba isir fl-Imtarfa, kif propost mill-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali.

Il-Kunsill itenni li l-proġett propost jinkludi żvilupp eċċessiv f'sit li, fil-fehma tal-Kunsill, għandu potenzjal kbir li jiġi riġenerat f'żona għall-familja kollha, b'rispett sħiħ lejn l-ambjent u l-wirt storiku li hemm.

Filwaqt li fil-prinċipju jaqbel mal-ħtieġa ta' dan il-proġett f'pajjiżna, il-Kunsill jisħaq li dan il-proġett m'għandux isir fil-lokalità ċkejkna u kwieta tal-Imtarfa li hi magħrufa għas-serenità tagħha, u li attwalment diġà tospita numru kbir t'entitajiet governattivi u non-governattivi, fosthom Dar għall-Anzjani, tlett idjar li joffru servizz għall-persuni b'diżabilità, Dar Kenn għal Saħħtek għal persuni bi problemi relatati mal-ikel, u skola internazzjonali.

Il-Kunsill jemmen ukoll li fin-natura tiegħu, l-iżvilupp propost se jikkawża impatt qawwi fuq l-ambjent u l-aspett estetiku taż-żona, u se jikkawża tniġġiż sostanzjali li jirriżulta minn dawl, storbju u traffiku eċċessiv. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jinnota wkoll li l-proġett propost jinsab biswit residenzi privati, qrib ta' skola primarja u entitajiet lokali li jilqgħu fihom tfal u żgħażagħ. Fil-kuntest ta' dan kollu, il-Kunsill Lokali qabel unanimament illi dan il-proġett għandu jsir f'lok alternattiv, barra l-konfini tal-Imtarfa.

Il-Kunsill Lokali jirringrazzja lill-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali li wera d-disponibbiltà u r-rieda li jisma' lir-residenti, u fuq kollox, jirringrazzja lir-residenti kollha għas-sehem kostruttiv u ċivili waqt il-laqgħa t'informazzjoni li saret illejla.

Fl-istess waqt, il-Kunsill jiddeplora l-aġir ta' numru żgħir ta' residenti li wara l-laqgħa ħebbew għar-rappreżentanti tal-Ministeru li kienu preżenti għal-laqgħa, u pruvaw jintimidaw membri tal-Kunsill Lokali b'imġiba kundannabbli.